# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 161/2015**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Matthew Mallia**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Matthew Mallia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 552088(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Novembru 2014 għall-ħabta tas-6.00hrs u fis-snin ta' qabel, ġewwa l-inħawi tal-Gudja:

1. żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, kontra id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-

Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (A.L. 79 tal-2006) meta dak l-għasfur ma kienx ġie ddikjarat u reġistrat mal-Awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma ngħata l-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorita' kompetenti sabiex iżomm dak l-għasfur u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, żamm għasfur, kemm ħaj u kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-iSkeda II jew l-iSkeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, meta dak l-għasfur ma kienx ittieħed fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor u dan l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Marzu 2015 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk illiberatu minnhom.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-8 ta' April 2015 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha: 1. tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi biex issib lil Matthew Mallia ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skont il-liġi u tinfliġġi fuqu dik il-piena idonea skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-25 ta' Marzu 2015 f'liema sentenza l-appellat allura imputat ġie liberat mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jissottometti li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet raġonevolment u legalment tillibera lill-appellat. Fl-appell tiegħu, l-appellant ikompli jgħid is-segwenti:

- Huwa jagħmel riferenza għad-definizzjoni li l-Avviż Legali 79 tal-2006 jagħti għal kelma "għasfur". Jgħid li f'dan il-każ l-għasafar huma speċi li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri u għalhekk jaqgħu taħt din id-definizzjoni.

- Jgħid xi tfisser il-frażi "għasfur imrobbi bil-maqful" u dana skont dak li kienet tiddisponi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Liġijiet ta' Malta. Jagħmel riferenza għad-definizzjoni mogħtija lil "ċurkett magħluq". Jgħid li biex l-għasafar ikunu konformi mal-liġi jrid ikollhom ċurkett

magħluq u li jrid jiġi approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

- Jargumenta li matul is-smigħ, l-Uffiċjali tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi spjegaw dan kollu wara li kienu spezzjonaw l-għasafar. Jgħid li l-għasafar ma kinux lebsin ċrieki magħluqa u li dan ġie konfermat mix-xhieda *viva voce* u mid-dokumenti. Jgħid li ngħataw ukoll l-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti maċ-ċrieki li nstabu mwaħħla fuq l-għasafar u dawk li jikkorrispondu mal-*istandards* internazzjonali. Jgħid li l-għasafar maqbuda kellhom ċrieki kbar u dawn setgħu tlibbsu meta l-għasafar kienu diġa' kibru u faqqsu. Jgħid li kien spjegat ukoll li l-appellat qatt ma kkuntattja lit-Taqsima in kwistjoni sabiex iċ-ċrieki jiġu approvati – liema ċrieki kienu *sub-standard*.

Illi da parte tiegħu l-appellat ippreżenta Risposta għar-Rikors tal-appell, f'liema Risposta jgħid is-segwenti:

- Jisħaq li l-analiżi tal-Ewwel Qorti wasslet għal konklużjoni raġonevoli u legali. Jgħid li kien hemm erbatax-il għasfur li, skont Stanley Gatt u Gilbert Haber, kellhom ċurkett ħażin u li mill-provi jirriżulta li l-għasafar kollha jikklassifikaw bħala "għasfur mrobbi fil-maqful" waqt li hu (l-appellat) qal li dawn l-għasafar kienu mgħoddija għandu minn *"breeders"*. Jgħid li dawn l-għasafar kollha kienu mwielda u mrobbija fil-maqful.

- Jargumenta li joħroġ ċar mill-affidavit ta' PS 1141 Noel Tanti u xhieda oħra li l-għasafar kollha kellhom iċ-ċrieket. Jgħid li l-liġi ma tgħidx x'qies partikolari ċ-ċurkett għandu jkun u li ma kienx hemm prova li dawn kienu ta' kobor eċċessiv.

- Jgħid li l-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa kontradittorju għax l-ewwel kien stabbilit li l-għasafar kienu *"bred in captivity"* u mbagħad l-Avukat Ġenerali qabad mal-qies taċ-ċurkett imma l-għasafar mhux kollha tikbrilhom saqajhom l-

istess. Jargumenta li tressqu xhieda li libbsu dawn iċ-ċrieket lil dawn l-għasafar u li xehdu fid-dettall dwar kif kienu huma li ħadu ħsieb iċ-ċrieket meta faqqsu dawn l-għasafar.

- Jgħid li huwa xehed fid-dettall dwar li l-approvazzjoni taċ-ċrieket ma jsirx b'mod arbitrarju. Jisħaq li barra dan Stanley Gatt ikkonferma li jmur hu, bħala rappreżentant tal-MEPA, u jkejjel dawn iċ-ċrieket u s-saqajn tal-għasfur. Jgħid li m'hemmx liġi speċifika li tgħid dan il-qies x'għandu jkun, la hemm espert indipendenti sabiex jistabbilixxi jekk dawn iċ-ċrieket humiex jew le tal-qies stabbilit, u li jiddeċiedi hu fid-diskrezzjoni tiegħu dwar iċ-ċrieket. Jgħid li ma hemm ebda prova ħlief id-diskrezzjoni ta' Stanley Gatt jew li dawn l-għasafar kienu mlibbsa dawn iċ-ċrieket meta kienu kbar.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali huwa bażikament wieħed dwar apprezzament tal-fatti. Din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ressqet lis-segwenti bħala xhieda tagħha:

- Fl-affidavit tiegħu **PC 451 A. Bugeja** (*a fol.* 6) jgħid li fit-22 ta' Novembru 2014, hu u PS 1141 nnutaw guva b'għasafar protetti iżda kollha kellhom iċ-ċrieket ma' saqajhom. Jgħid li żewġ igretti kienu mingħajr ċrieket u li meta Stanley Gatt u Gilbert Haber għamlu spezzjoni ta' dawn l-għasafar sabu li l-igretti kienu rreġistrati imma erbatax-il għasfur ieħor kellhom ċurkett ta' daqs mhux skont il-liġi.

- **PS 1141 Noel Tanti** (*a fol.* 7) fl-affidavit tiegħu jgħid li nnota li l-għasafar li raw kienu protetti iżda kollha kellhom iċ-ċrieki ma' saqajhom b'dan illi żewġ igretti ma kellhomx ċrieket. Jgħid li l-appellat kien qalilhom li kienu rreġistrati mal-MEPA u ġab il-karti kollha. Jgħid ukoll li Stanley Gatt u Gilbert Haber sabu li l-igretti kienu rreġistrati imma erbatax-il għasfur kellhom ċurkett ħażin.

- Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti, fosthom ritratti u lista tal-għasafar bl-indikazzjoni tal-kobor taċ-ċurkett u x'kellu jkun id-dijametru skont l-ispeċi.

- **Stanley Gatt** (*a fol.* 47 *et seq.*) qal li fis-sena 2014 kien *Team Manager* responsabbli mill-i*Special Enforcement Branch* tal-*Birds Regulation Unit*. Jgħid li huwa u Gilbert Haber kienu eżaminaw l-għasafar individwalment. Jgħid li biex ikollok għasfur protett jew trid tkun importajtu b'mod leġittimu bid-dokumentazzjoni biex tipprova dan jew inkella l-għasfur ikun *captive bred* fejn irid ikun imlibbes ċurkett magħluq. Jgħid li dawn iċ-ċrieket ikunu maħdumin minn *aluminium* li jvarja fil-kobor skont l-ispeċi u li ċ-ċurkett irid ikun imlibbes meta l-għasfur ikun ta' eta' żgħira. Jisħaq li s-sistema tintuża internazzjonalment sabiex jiġi ppruvat li l-għasfur vera trabba taħt il-kontroll tal-bniedem. Jgħid li meta eżaminaw l-għasafar hu u sieħbu mill-ewwel indunaw li ċ-ċrieket kienu jidhru pjuttost kbar u li dawn tkejlu permezz tal-*vernier*

*calipers*. Jgħid li ftit kienu l-eżemplari li kellhom ċrieket ta' standard kif suppost u li dawn tħallew fuq il-post. Jgħid ukoll li l-Pulizija ħadu l-għasafar li kellhom *internal diameter* akbar milli suppost u li d-differenza ma kinitx minima. Jixhed li huwa kien staqsa lill-appellat jekk qattx talab xi awtorizzazzjoni sabiex jista' jżomm l-għasafar b'dak is-*size* ta' ċrieket u li l-appellat wieġeb fin-negattiv. Jgħid li la l-appellat u lanqas il-persuna li allegatament nxtraw minn għandu (Daniel Grech) ma għamlu r-reġistrazzjoni li kellha ssir u li dan seta' jgħidu wara li ra r-*records* tiegħu mis-sena 1992 għaliex kull talba għal tali awtorizzazzjoni kienet tasal għandu. Jgħid li wara dan il-każ kellu talba minn Daniel Grech għall-awtorizzazzjoni ta' ċrieket fuq għasafar simili u li kieku saret talba għal dawn iċ-ċrieket, din qatt ma kienet ser tintlaqa' għaliex iċ-ċrieket kienu ta' kobor eċċessiv mill-*minimum standard*.

Fil-<u>kontro-eżami</u> huwa qal li hemm assunzjoni li għasfur tal-istess speċi jkollu l-istess dimensjonijiet f'saqajh. Jgħid li l-*maximum size* huwa għall-akbar sieq possibbli u li huwa kien qabbilhom mal-*maximum size*. Jixhed li kien irriżultalu li ċ-ċrieket kienu jeċċedu l-massimu u li r-Regolamenti jgħidu li l-*closed ring* irid ikun approvat mill-Awtorita'.

- **Gilbert Haber** (*a fol.* 64 *et seq.*) qal li ċ-ċrieket li kellhom ma' saqajhom l-għasafar kienu viżibilment akbar. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li ż-żewġ eżemplari li kellhom il-*micro-chip* ma ġewx issekwestrati għax kien hemm ċertifikazzjoni abbinata magħhom. Jgħid li l-i*standards* li jużaw huma jidhru fil-konvenzjonijiet internazzjonali u jgħid ukoll li l-liġi titlob li ċ-ċurkett irid ikun approvat.

Illi d-difiża ressqet lis-segwenti bħala xhieda tagħha:

- L-appellat **Matthew Mallia** (*a fol.* 78 *et seq.*) xehed li kien akkwista l-erbatax-il għasfur mix-xhieda l-oħra li kienu preżenti. Jgħid li b'dak li kien qed jagħmel hu tkun qed tgħin

iżżid il-ġenerazzjoni tal-għasafar. Jisħaq li l-għasafar in kwistjoni kellhom ċrieket tas-*size* li suppost u li huwa kien xtrahom biċ-ċurkett. Jgħid li kien xtara minn għand tliet persuni differenti u li t-tlieta li huma kienu preżenti fil-Qorti. Jgħid li lilu kienu tawhomlu bħala ħbieb. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li hu kienu għadu ma bediex jibbridja. Jgħid li karti dwar dawn l-għasafar ma kellux u lanqas ta' dawk l-għasafar li ħallewlu fil-guva.

- **Daniel Grech** (*a fol.* 96 *et seq.*) qal li hu jibbridja l-għasafar. Jgħid li l-appellat kien qallu li kien għadda xi tajr lil ħadd ieħor u dan il-ħadd ieħor għaddiehom lilu. Huwa qal lill-appellat ma kellu ebda problema jixhed li dan kienu *home bred*. Jgħid li dawn iridu jkunu *ringed*. Jgħid ukoll li sa dakinhar li xehed ma kienx hemm *sizes* hawn Malta. Jgħid ukoll li jrid ikun *closed ring* u li jitlibbes mill-ewwel ġranet tiegħu u li huma jimxu fuq is-*size* li jsibu għand min iġib iċ-ċrieket. Fil-<u>kontro-eżami</u> jgħid li dawn l-għasafar ma jaqgħux taħt is-SITIS u li kemm-il darba jkollhom iċ-ċurkett kollox huwa legali. Qal ukoll li l-għasfur li mhux SITIS m'hemmx għalfejn tirreġistrah u li ċ-ċurkett basta jkun magħluq.

- **Irving Parnis** (*a fol.* 110 *et seq.*) qal li huwa kien ta żewġ għasafar (*avusetta* u *oyster catcher*) lill-appellat. Jgħid li dawn kien impurtahom b'mod legali u kellu d-dokumenti Jikkonferma li l-għasafar kellhom ċ-ċrieket u li ċ-ċrieket kienu normali u li ma joħorġux minn saqajn l-għasfur. Jgħid li meta ġew għandu kienu biċ-ċrieket għaliex kieku ma tkunx tista' toħroġhom mill-ajruport. Jixhed li meta għaddiehom lill-appellat dawn kienu għadhom biċ-ċrieket li kienu marru għandu bihom. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li ma kien għadda ebda fotokopja tad-dokumenti lill-appellat u li ma kellux għalfejn jirreġistrahom mal-MEPA għaliex m'humiex SITIS.

- **Justin Formosa** (*a fol.* 119 *et seq.*) xehed li hu kien ta numru ta' għasafar lill-appellat u li dawn l-għasafar li tah ma jaqgħux taħt SITIS. Jgħid li huwa ġab dawn l-għasafar bħala *bred* u li kellhom ċurkett. Mistoqsi min libbsilhom dan iċ-ċurkett,

jgħid li kien hu stess li libbisulhom. In kontro-eżami meta ġie mistoqsi jgħid jekk kienx irreġistrahom mal-Awtoritajiet, wieġeb fin-negattiv peress li jgħid li ma kinitx liġi li suppost għandek tagħmel hekk.

**Ikkunsidrat**

Konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel (1) imputazzjoni:
Illi kif inhi redatta l-ewwel (1) imputazzjoni jirriżulta li din taqa' taħt Regolament 4(1)(e)(i) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mix-xiehda ta' Justin Formosa jirriżulta li hu kien ta lill-appellat par *ring plovers*, par *little ring plovers*, par *dunlin* u par *kierlo sandpipers*. Jgħid li kien libbes iċ-ċurkett lill-għasafar huwa stess u li dawn kienu għasafar minn tiegħu. Minn naħa l-oħra, Irving Parnis xehed li huwa kien ta *avusetta* u *oyster catcher* lill-appellat. Dawn kienu impurtati legalment (Dok. "IP" – *a fol.* 76).

Illi jirriżulta b'mod ippruvat li Regolament 4 hawn fuq imsemmi jgħodd għall-għasafar li nstabu għand l-appellat. Apparti minn dan, iċ-ċitazzjoni hija dwar in-nuqqas ta' permessi jew ċertifikati mill-Awtorita' kompetenti sabiex l-appellat iżomm dawn l-għasafar. Dwar dan din il-Qorti tinnota li ma jidhirx li kienu ppreżentati dawn id-dokumenti mill-appellat sabiex ixejjen din l-imputazzjoni.

Illi l-appellat kellu alternattivi oħra. Fosthom li dawn kienu importati legalment. Mix-xiehda ta' Irving Parnis din il-Qorti hija sodisfatta li din id-difiża rnexxiet sa fejn huma nvoluti l-*avusetta* u l-*oyster catcher*. Kien ukoll ippreżentat ċertifikat. Dwar l-għasafar l-oħra d-difiża kienet mibnija fuq li dawn kollha kienu *captive birds* li hu b'xi mod jew ieħor akkwistahom minn għand oħrajn. Dwar dawn din il-Qorti tinnota li ma hemmx dubju li l-appellat kien fil-pussess tagħhom u li ma hemmx dubju li dawn kellhom iċ-ċrieket. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li skont Stanley Gatt dawn iċ-ċrieket ma kinux addattati – huwa ta spjega fid-detall kif ukoll għamel il-kejl meħtieġ. Jekk wieħed jiskarta l-ispjegazzjoni li ta

Stanley Gatt għaliex huwa mhux espert maħtur mill-Qorti, jibqa' li kull ċurkett jeħtieġ li jkun awtorizzat mill-Awtorita'. Mix-xiehda ta' Stanley Gatt jirriżulta li huwa qatt ma kien ħareġ permessi għal dawn it-tjur. Dwar dan din il-Qorti tinnota li wieħed mix-xhieda kien talab permess wara li kien xehed Stanley Gatt. Huwa qal li qatt ma kienu ser jagħtu permessi għal dawk it-tipi ta' ċrieket li huwa eżamina. Il-Prosekuzzjoni ħalliet fil-post dawk l-għasafar li ma kellhiex dubju dwarhom. B'hekk id-difiża bbażata fuq li l-għasafar kienu kollha *captive birds* ma tistax tirnexxi minħabba li l-awtorizzazzjoni dwar iċ-ċrieket hija rikjesta mil-liġi u din ma saritx kif ukoll għaliex, skont il-liġi stess, huwa meħtieġ li d-dokumentazzjoni tibqa' tinżamm. F'dan il-każ, tneħħi żewġ għasafar, ma kienx hemm awtorizzazzjoni dwar iċ-ċrieket u lanqas inżammet id-dokumentazzjoni. Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ma sabitx lill-appellat allura imputat mhux ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu (barra fejn għandhom x'jaqsmu l-*avusetta* u l-*oyster catcher*). B'hekk din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali f'dan ir-rigward fejn jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni.

<u>Konsiderazzjonijiet dwar it-tieni (2) imputazzjoni</u>:
Illi minn qari ta' din l-imputazzjoni miċ-ċitazzjoni jirriżulta li din l-imputazzjoni tirreferi għall-ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat. Għal kull buon jingħad li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellat allura imputat jirrisalu għal Novembru 2014 u li minn dak iż-żmien Regolament 4(1)(f) imsemmi tneħħa. Ġialadarba dan tneħħa, għalhekk ma hemmx lok li jsiru aktar konsiderazzjonijiet dwaru u b'hekk l-appell tal-Avukat Ġenerali mhux qed ikun milqugħ fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni minħabba r-raġuni msemmija.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u li minnha ġie liberat;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u minflok, wara li rat Regolament 4(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-appellat ħati tagħha dwar dak it-tajr kollu li kien meħud bl-eċċezzjoni tal-*avusetta* u l-*oyster catcher* u tikkundannah iħallas multa ta' sitt mitt Euro (€600);

- tordna l-konfiska tal-għasafar bl-eċċezzjoni tal-*avusetta* u l-*oyster catcher*;

- tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti tal-appellat maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu ta' sentejn liema perjodu jibda għaddej mil-lum.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**